# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa (4) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 359/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**A+ Building Products Limited (C70145)**

**Vs**

**Kurt Galea Pace (K.I. 243667M) f'ismu proprju u għan-nom tad-Ditta Architectural Designers**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti datat 21 ta' Ottubru 2021, li permezz tiegħu talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' esponenti kriet scaffolding u turġien lill-intimat u għaldaqstant l-intimat obbliga ruħu li jħallas il-kera għat-tali scaffolding u turġien;*

    2. *Illi s-soċjeta' esponenti ħarġet tlett fatturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok A, Dok B u Dok C rispetttivament għal ħlas tal-kiri tas-scaffolding u turġien, li flimkien jammontaw għal sbatax-il elf, disgħa u sebgħin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€17,079.32);*

    3. *Illi minkejja li l-intimat ġie interpellat kemm-il darba sabiex iħallas il-kera dovuta huwa naqas milli jagħmel dan u baqa' inadempjenti;*

    4. *Illi l-ammont fuq indikat hu ċert, likwidu, u dovut, u fil-fehma tas-soċjeta' esponenti, -intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida skond il-liġi x'jissolleva f'din il-kawża;*

5. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema' u tiġi deċiża bid-dispensa mis-smigħ;*

6. *Illi r-rappreżentant tas-soċjeta' esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' esponenti umilment titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tas-soċjeta' esponenti bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' esponenti s-somma dovuta lilha ta' €17,079.32 oltre imgħax legali mid-data ta' kull fattura relattiva.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed isir kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħax legali kif mitlub sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-intimat sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu.

3. Rat illi fis-7 ta' Lulju 2021 **Kurt Galea Pace** f'ismu u għan-nom ta' Architectural Designers irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok l-eċċipjenti ma' għandu l-ebda rappreżentanza "tad-ditta" Architectural Designers dan huwa sempliċiment " trading name " u mhux entita legali.*

2. *Illi fil-meritu t-talbiet tal-kumpanija Rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż, billi l-ammont pretiż mhux dovut fl-intier tiegħu, iżda l-ammont attwalment dovut huwa biss € 5678.00 oltre VAT u dana kif jirriżulta mill-email mibgħuta (Dok XX) fis-16 ta' Mejju 2018, liema ammont jikkorrispondi ma' dak li qed jiġi mitlub mir-Rikorrenti fil-Fattura 364 Dok B eżebit minnu.*

3. *Għal kull bon fini u bla preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti jirrileva illi l-ammont pretiż skond Fattura 285 Dok. A eżebit minnhom mhuwiex dovut billi fl-ewwel lok il-ftehim li kien sar bejn il-kontendenti dwar is-servizz li kellu jiġi ipprovdut, kien sar ma' Rosario Agius personalment u mhux ma' A+ Building Products Limited u dana kif sejjer jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

4. *Illi b'referenza għall-Dok A qed jiċi wkoll relevat id-dati kif indikati meta ngħata is-servizz, kif wkoll l-ammonti mitluba bħala dovuti, mhumiex koretti u għalhekk u jekk ikun il-każ l-ammont indikat f'dan l-istess Dok A qed jiġi kkontestat*

5. *Għar-rigward tal-ammont pretiż mir-rikorrenti skond il-fattura 524 Dok C dana mhux dovut lir-Rikorrenti billi mhux biss ma' ġiex indikat fejn ir-Rikorrenti kien ipprovda s-servizz ta' provvediment ta' "scaffolding u imma wkoll billi fiż-żmien indikat l-eċċipjenti ma' kienx uża s-servizzi tal-kumpanija Rikorrenti.*

6. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

## Provi:

4. Rat li permezz ta' digriet datat 27 ta' Lulju 2021, il-Qorti ċaħdet it-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-isfilz tar-risposta tal-intimat nomine (fol 27).

5. Semgħet ix-xhieda ta’ **Rosario Agius** mogħtija fil-11 ta’ Novembru 2021 (fol 31).

6. Semgħet ix-xhieda ta’ **Charles Micallef** mogħtija fil-11 ta’ Novembru 2021 (fol 30).

7. Rat illi fil-11 ta’ Novembru 2021, is-soċjeta’ rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippreżenta.

8. Rat li fit-2 ta’ Diċembru 2021 ġie ordnat l-isfilz tax-xhieda ta’ Charles Micallef li kien xehed preċedentement, fuq talba ta’ l-intimat, peress illi ma kienx indikat bħala xhud.

9. Rat l-affidavit ta’ **Kurt Galea Pace** ippreżentat fit-2 ta’ Diċembru 2021 (fol 55).

10. Semgħet ix-xhieda ta’ Kurt Galea Pace in kontro-eżami mogħtija fit-22 ta’ Marzu 2022 (fol 87).

11. Rat li fit-22 ta’ Marzu 2022, il-każ tħalla għas-sottomissjonijiet finali wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

12. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-soċjeta’ rikorrenti ippreżentata fit-2 ta’ Ġunju 2022 (fol 98).

13. Rat illi fit-2 ta’ Ġunju 2022 il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għal-lum b’dan illi l-intimat kellu sa l-aħħar ta’ Lulju biex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

14. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Kurt Galea Pace ippreżentata fid-29 ta’ Lulju 2022 (fol 106).

**Fatti tal-każ**

15. Jirriżulta li s-soċjeta’ rikorrenti tipprovdi għall-kiri ta’ scaffolding u turġien, liema għodda ta’ scaffolding u turġien inkrew lill-intimat għal xogħol illi kien qiegħed jagħmel ġewwa lantijiet tax-xogħol ta’ l-intimat.

16. Jirriżulta li s-soċjeta’ rikorrenti ħarġet tlett fatturi għal dawn is-servizzzi reżi, fl-import totali ta’ €17,079.32, liema fatturi ġew eżebiti mar-rikors promotur.

17. Jirriżulta li l-intimat qiegħed jikkontesta is-servizzi reżi u l-ħlasijiet dovuti, minkejja li jikkonċedi illi s-somma ta’ €5,678 oltre l-VAT hija dovuta.

18. Jirriżulta li l-oġġezzjoni tal-intimat hija prinċipalment ibbażata fuq nota ta’ kompromess datata 9 ta’ April 2020 iffirmata mid-Direttur tas-soċjeta’ rikorrenti u l-intimat, f’liema nota ma saritx referenza għal ammonti dovuti.

19. Jirriżulta wkoll, madanakollu, illi fid-dokument eżebit mill-intimat a fol 23, (Dok YY), hemm dikjarat li għad hemm “pending costs” mhux imħallsa mill-intimat.

**Eċċezzjoni preliminari – Nuqqas ta’ relazzjoni ġuridika**

20. Ġie eċċepit fl-ewwel lok, li Kurt Galea Pace m’għandux ir-rappreżentanza tad-ditta Architectural Designers, stante li dan huwa sempliċiment ‘trading name’ u mhux entita` legali.

21. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat kompla jelabora fuq dan il-punt. Ġie sottolineat, li r-relazzjoni u n-negozjati ta' l-intimat kienu dejjem direttament ma' Rosario Agius personalment, u l-arranġamenti dejjem saru verbalment bejniethom. Ġie sostnut ukoll, li fl-ebda mument ma kien hemm relazzjoni bejn A + Building Products Limited u l-intimat Galea Pace, u lanqas bejn is-soċjeta' rikorrenti u Architectural Designers. Kompla jiġi sostnut fis-sottomissjonijiet ta' l-intimat, li l-ftehim ta' kompromess kien sar bejn Galea Pace u Rosario Agius, b'hekk l-intimat qatt ma kellu relazzjoni mas-soċjeta' A + Building Products Limited. Dan kollu jwassal għall-konklużjoni ta' l-intimat fis-sottomissjonijiet, sabiex jikkontendi li s-soċjeta' rikorrenti A + Building Products Limited m'għandhiex relazzjoni ġuridika ma' l-intimat, kwindi ma hemm l-ebda relazzjoni bejn il-kontendenti li minnu jistgħu jitnisslu obbligazzjonijiet kif reklamati.

22. Jiġi osservat l-ewwelnet, minn din il-Qorti, li dak sottomess fis-sottomissjonijiet ta' l-intimat mhuwiex in linea ma' l-ewwel eċċezzjoni preliminari kif sollevata. F'kull każ, din il-Qorti ser titratta l-kwistjoni kif sollevata fis-sottomissjonijiet, u kif eċċepita fir-risposta.

23. Dwar dak sottomess, din il-Qorti tifhem, li meta l-intimat Kurt Galea Pace tkellem verbalment u ftiehem kollox ma' Rosario Agius, Agius kien qed naturalment qed jaġixxi bħala Direttur tas-soċjeta' A + Building Products Limited. Huwa ovvju li l-intimat beda jitkellem ma' Rosario Agius għas-servizzi mitluba, liema servizzi ma kinux ipprovduti minn Rosario Agius personalment, iżda mill-kumpanija tiegħu, A + Building Products Limited.

24. Skond tal-argument ta' l-intimat, jekk wieħed imur ġo showroom sabiex jixtri karozza, l-ftehim għall-akkwist tal-karozza tax-xerrej ikun mas-salesman u mhux mas-soċjeta' li miegħu tali salesman jaħdem – argument totalment fallaċi u bla bażi!

25. Apparti minn hekk, jidher ċar li l-intimat kien ben a korrent tal-fatt li s-servizz kien qiegħed jiġi pprestat mis-soċjeta' rikorrent, tant li ffirma ftehim ta' pagamenti fid-29 ta' Novembru 2018, kif jidher a fol 45, li issa qiegħed jipprova jirrinnega l-eżistenza tiegħu!

26. Għalhekk, dan l-argument ta' l-intimat kif imressaq fis-sottomissjonijiet mhuwiex validu u qed jiġi respint.

27. Inoltre`, dwar dak eċċepit fir-risposta, li Kurt Galea Pace m'għandux ir-rappreżentanza ta' Architectural Designers, għaliex dak huwa biss 'trading name'. Jiġi osservat, li l-proċedura odjerna ġiet intavolata fil-konfront ta' Kurt Galea Pace f'ismu proprju, kif ukoll għan-nom ta 'Architectural Designers.' Għalhekk, il-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi, fit-talba kif dedotta, hija prinċipalment fil-konfront ta' Kurt Galea Pace.

28. Għaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti permezz ta' din l-ewwel eċċezzjoni, l-intimat qed jittenta jeżonera ruħu minn kull obbligazzjoni. Madankollu, l-eċċezzjoni kif sollevata, m'għandhiex mis-sewwa u mhijiex legalment ġustifikata.

29. Konsegwentement, <u>tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari</u> ta' l-intimat.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

30. Permezz tal-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti qed titlob lill-intimat iħallas is-somma ta' sbatax-il elf, u disgħa u sebgħin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€17,079.32) oltre` l-imgħax legali mid-data ta' kull fattura relattiva, in rappreżentanza ta' servizzi reżi.

31. Minn naħa l-oħra, l-intimat fil-mertu eċċepixxa li l-ammont dovut mhuwiex mitlub fl-intier tiegħu, iżda attwalment huwa dovut biss € 5,678.00. Ġie eċċepit ukoll li l-ammont fil-fattura numru 285 a fol 6 ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti bħala Dok A mhuwiex dovut, għaliex l-ammont mitlub mhuwiex korrett u għalhekk qed jiġi kkontestat dan l-ammont. Fir-rigward ta' fattura 524 a fol 8 ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti, bħala Dok C, ġie sostnut fir-risposta, li dan mhuwiex dovut għaliex fiż-żmien indikat ma kienx intuża dan is-servizz ta' scaffolding.

32. Jirriżulta ppruvat li s-soċjeta' rikorrenti kriet u ssuppliet scaffolding u turġien bħala apparat lill-intimat, li konsegwentement kellu jħallas għal tali servizzi. Hija eżebiet tlett fatturi - Fattura numru 285 datata 19 ta' Ottubru 2017, Dok A, Fattura numru 364 datata 15 ta' Mejju 2018, Dok B, Fattura numru 524, datata 18 ta' April 2019, Dok C.

33. L-intimat Galea Pace, da parte tiegħu, jsostni li l-ammont pretiż mhuwiex kollu dovut, u dana abbażi ta' nota ta' kompromess iffirmata bejn l-partijiet, liema nota hija datata 9 ta' April 2020, ippreżentata bħala Dok YY a fol 23 tal-proċess, kif ukoll peress li għalkemm l-iscaffolding ġie supplit fuq is-siti speċifiċi kif mitluba ma ġiex armat.

34. L-argument tal-intimat jikkonċerna l-fatt, li fl-imsemmija nota ta' kompromess, m'hemmx aċċenn għal ammonti dovuti. Iżda, jsir aċċenn biss li l-intimat Galea Pace għandu jħallas €250 bħala legali u ġudizzjarji relatati mal-proċeduri kriminali bejn il-partijiet.

35. Jiġi osservat minn din il-Qorti, li qabel ma bdew il-proċeduri odjerni, is-soċjeta' rikorrenti kienet ġia bdiet proċeduri kriminali kontra l-intimat personalment għal misappropprijazzjoni tal-għodda mikrija lill-intimat, peress illi, ad insaputa tas-soċjeta' rikorrenti, l-intimat kien żarma l-għodda u ħadha post ieħor u ma għarrafhom b'xejn, bir-riżultat li bdew proċeduri krminali kontrieh.

36. Dana qiegħed jingħad għax l-iskrittura ffirmata mill-partijiet tikkonċerna il-proċeduri kriminali li kien hemm pendenti bejn il-partijiet u l-ftehim kien limitat għar-ritorn tal-għodda li, sad-9 ta' April 2020 l-intimat kien għadu ma rritornax, u l-ispejjeż relatati mal-proċeduri kriminali – ebda referenza ma kienet qed issir għall-ħlasijiet dovuti ċivilment. Għalhekk, dak il-ftehim ma jistax jiġi kkwotat għall-iskop tal-ammont mitlub f'din il-proċedura u l-argument tal-intimat li m'għandux iħallas l-ammont pretiż f'dan il-każ abbażi ta' dan il-ftehim, evidentement mhuwiex argument validu, u qed jiġi skartat minn din il-Qorti.

37. Fil-fatt, fl-aħħar tax-xhieda tiegħu *viva voce*, Rosario Agius, wieġeb, li l-kawża odjerna hija anke riżultat tal-ftehim datat 9 ta' April 2020, stante li b'dak il-ftehim, l-iscaffolding mikri inġabar, iżda l-flus pretiżi u dovuti għall-kiri tal-iscaffolding baqgħu ma nġabrux.

38. Jiġi nnutat ukoll, li ż-żewġ partijiet fix-xhieda tagħhom, jagħtu verżjonijiet kunfliġġenti. Ir-rikorrent isostni li ssuplixxa u kera l-'equipment' ta' scaffolding kif rikjest. Minn naħa l-oħra, fil-verżjoni ta' Kurt Galea Pace, ġie sostnut, li għalkemm l-

iscaffolding twassal fuq l-postijiet u siti konċernati, iżda ma ntramawx u ma setgħux jintużaw. Għalhekk, jeżistu żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

39. F'dan il-kuntest, huwa relevanti dak ċitat fil-każ **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** deċiż mill-Prim' Awla fis-26 ta' Settembru 2013, fejn ingħad hekk:

> *"...il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti imħarrka. (Ara* ***Hans J. Link et vs Raymond Mercieca*** *deċiża mill-Appell Inferjuri fit-12 ta' Jannar 2001). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba il-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Minn naħa l-oħra, l-fatt li parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaqx provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet tagħha (Ara* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil*** *deċiż mill-Appell Inferjuri fis-7 ta' Mejju 2010)."*

40. Illi huwa għalhekk, li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (Ara l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (**Artikolu 559 tal-Kap 12**).

41. Fil-każ **Martin Cassano vs Alessandro Cassano** deċiż mill-Prim' Awla fl-14 ta' Lulju 2016, intqal li:

> *"Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, u meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bbażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet."*

42. Applikati dawn il-prinċipji għall-provi probatorji fil-każ taħt eżami, jrid jiġi mistħarreġ jekk dak ikkontestat mill-intimat jinsabx korroborat bil-provi.

43. Fil-każ in eżami, rigward il-Fattura Nru 285 eżebita bħala Dok A a fol 6, jidher ippruvat li l-materjal u l-għodda twasslu fuq is-sit in kwistjoni fin-Naxxar, u dan kif jidher minn ritratt ta' l-intimat stess meħud fis-16 ta' Settembru 2016 fit-8.21 am (fol 60). F'ritratt ieħor eżebit mill-istess intimat, mal-affidavit tiegħu, Dok KGP3 a fol 63, intwera li kien hemm armar ta' scaffolding f'parti oħra fuq in-naħa ta' wara tas-sit in kwistjoni.

44. L-intimat Galea Pace jikkontendi li huwa ma kienx qabel għall-ammonti mitluba bir-rati kif elenkati, u qed jikkontesta wkoll ir-rati użati għad-diversi scaffolding użati iżda ma ressaq ebda prova biex jissostanzja tali kontestazzjoni, iżda mnflok ressaq provi biex juri li attwalment uża l-iscaffolding tas-soċjeta' rikorrenti.

45. Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tagħmilx referenza ghad-dokument eżebit mis-soċjeta' rikorrenti a fol 45, illi jikkonsisti f'kitba magħmula bejn is-soċjeta' rikorrenti u l-intimat, datat 28 ta' Novembru 2018, fejn jingħad is-segwenti:

> *"To be paid cash (ammount excl VAT) – agreed on the 28 November 2018*

*- 30 December 2018 €3,000*
*- 30 January 2019 €3,000*
*- 28 February 2019 €3,000*
*- 30 March 2019 €3,000*
*- 30 April 2019 € .... balance"*

46. Jirriżulta illi dana il-ftehim huwa ffirmat kemm minn Rosario Agius kif ukoll minn Kurt Galea Pace.

47. Is-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi l-ebda mill-ammonti hemm indikati ma tħallsu w l-intimat ma ressaq ebda tip ta' prova illi ħallas xi waħda mill-pagamenti illi kien obbliga ruħu li jħallas.

48. Jingħad ukoll illi, filwaqt li l-fatturi 285 (a fol 6) u 364 (a fol 7, jirrigwardaw l-għoti ta' materjal lill-intimat għal siti ġewwa n-Naxxar u Swieqi rispettivament, it-tielet fattura, ossija Nru 524 a fol 8, tirrigwarda kirja ta' scaffolding għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' April 2018 u l-21 ta' April 2019. Madanakollu, jirriżulta illi, skond il-ftehim datat 9 ta' April 2020, tali scaffolding ingħata lis-soċjeta' rikorrenti aktar tard minn April 2019 – s-soċjeta' rikorrenti, minkejja dan, tidher li qed titlob għall-kera tal-iscaffolding li żamm ghandu l-intimat, sa April 2019.

49. Il-Qorti tosserva illi, għalkemm l-intimat Galea Pace, ipprova jagħti verżjonijiet ta' fatti fejn jgħid li ma kienx jaf xejn kienu l-għodda u sussegwentement sabhom f'Marzu tas-sena 2020, kull ma kellu jagħmel Galea Pace huwa jippreżenta provi ta' kemm ħallas lis-soċjeta' rikorrenti – tali prova, madanakollu, huwa qatt ma ressaqha, u dan naturalment għax qatt ma għamel il-ħlasijiet illi kien obbliga ruħu illi jagħmel.

50. Finalment, il-Qorti tosserva illi l-intimat għażel illi jiddikjara, fid-difiża tiegħu, illi l-ammont ta' €5,678, eskluż il-VAT, kien dovut – apparti l-fatt illi ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-intimat jgħaddi tali flejjes waqt il-mori tal-kawża, il-Qorti tosserva illi dana huwa l-ammont indikat fil-ftehim, a fol 45, iffirmat mill-intimat, fejn kien obbliga ruħu li jħallas €12,000 permezz ta' erbgħa pagamenti, filwaqt illi l-aħħar pagament kellu jkun il-bilanċ, presumibbilment l-ammont tal-invoice li fuqu sar il-ftehim – ebda minn dawn il-pagamenti ma qatt saru u/jew ma ressaq prova li saru l-ħlasjiet l-intimat.

51. Għalhekk, jiġi puntwalizzat, li l-allegati żbalji u inkorrettezzi fil-fatturi, elenkati fis-sottomissjonijiet u msemmija fl-eċċezzjonijiet ta' l-intimat, ma jirriżultawx konfortat bil-provi. Anzi, kuntrarjament għal dak allegat mill-intimat, mill-atti jirriżulta, li l-ammonti pretiżi fil-fatturi u fit-talbiet tar-rikors kif dedotti huma ġustifikati.

52. Għaldaqstant, din il-Qorti ftit li xejn fadlilha xi żżid ma' dan suċitat. Tipproċedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat u tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Wara li rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tas-soċjeta' rikorrenti u ta' l-intimat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat.

**Tilqa'** t-talba tar-rikorrent kif dedotta u tikkundanna lill-intimat Kurt Galea Pace f'ismu proprju u għan-nom tad-ditta Architectural Designers sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma dovuta lilha ta' sbatax-il elf, disgħa u sebgħin Ewro, tnejn u tletin ċenteżmu (€17,079.32).

L-imgħax legali huwa dovut mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas effettiv.

**L-ispejjeż** tal-proċeduri odjerni inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, ikunu a kariku tal-intimat Kurt Galea Pace personalment.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur